

Brussell, 30 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0232 (COD)

9474/1/25
REV 1 ADD 1

ENV 414
CLIMA 174
AGRI 228
FORETS 29
RECH 248
TRANS 210
CODEC 696
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fid-29 ta' Settembru 2025

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni bagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta għal Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija). Il-proposta għandha l-għan li tpoġġi lill-UE fit-triq lejn ħamrija f'saħħitha sal-2050. Din tagħmel il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija obbligatorju, tagħti bidu għall-implimentazzjoni gradwali tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u tistabbilixxi miżuri biex tiġi indirizzata l-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Il-proposta hija konformi mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija tal-2021, komponent importanti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.
2. L-abbozz ta' Direttiva huwa bbażat fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva ordinarja).
3. Fil-Parlament Ewropew (PE), il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) inġatar bħala l-kumitat ewlieni għal dan il-fajl. Il-PE adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' April 2024.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023 u l-Kumitat tar-Regġuni fid-19 ta' Ġunju 2024.
5. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fis-27 ta' Lulju (vidjokonferenza) u fis-6 ta' Ottubru 2023. Il-WPE kompli jeżamina l-proposta matul il-Presidenza Spanjola u dik Belġjana. Il-Kunsill (Ambjent) approva l-Approċċ Ġenerali (AĠ) tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2024.
6. Sussegwentement, tliet trilogi politiċi informali li saru fit-22 ta' Ottubru 2024, it-12 ta' Diċembru 2024 u d-9 ta' April 2025 irriżultaw fi ftehim proviżorju bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Fil-21 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess kif maqbul proviżorjament fit-trilogu informali tad-9 ta' April 2025.

7. Il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew ivvota favur l-istess test ta' kompromess fl-4 ta' Ġunju 2025. Sussegwentement, il-President tal-Kumitat ENVI indirizza ittra bid-data tal-5 ta' Ġunju 2025 lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-ftehim proviżorju ġenerali maqbul, hu jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.

II. OBJETTIV

8. L-oġġettiv ġenerali tad-Direttiva proposta huwa li tpoġġi lill-UE fit-triq lejn ħamrija f'saħħitha sal-2050 permezz tal-istabbiliment ta' miżuri għal monitoraġġ armonizzat fl-Unjoni kollha li jibni fuq is-sistemi nazzjonali, u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija u r-reżiljenza tal-ħamrija u l-appoġġ għalihom, kif ukoll għall-indirizzar ta' siti kkontaminati.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

9. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha elementi li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġiżlaturi:
- i. Il-qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija jippermetti livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni u l-flessibbiltajiet meħtieġa għall-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni. Il-monitoraġġ ta' xi aspetti importanti tas-saħħa tal-ħamrija, bħall-bijodiversità tal-ħamrija u l-kontaminanti tal-ħamrija, inkluż is-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u l-pestiċidi, issaħħaħ. L-assistenza volontarja tal-Kummissjoni fil-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija u l-ħżin tal-kampjuni tal-ħamrija tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni fejn meħtieġ.
 - ii. L-abbozz ta' Direttiva jipprevedi appoġġ lis-sidien tal-art u lill-maniġers tal-art biex jinkoraġġihom u jgħinhom itejbu s-saħħa tal-ħamrija u r-reżiljenza tal-ħamrija.
 - iii. Fir-rigward tat-teħid tal-art, il-ftehim proviżorju jiffoka fuq il-monitoraġġ tal-aktar aspetti viżibbli, l-issiġillar tal-ħamrija u t-tneħħija tal-ħamrija u jistabbilixxi prinċipji biex jiġu mmitigati l-impatti tal-issiġillar tal-ħamrija u t-tneħħija tal-ħamrija.

- iv. Il-ġestjoni ta' siti kontaminati hija bbażata fuq approċċ gradwali u bbażat fuq ir-riskju.
- v. Il-mira tal-2050 biex tinkiseb ħamrija f'saħħitha tibqa' waħda ta' aspirazzjoni.

IV. **KONKLUŻJONI**

- 10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tibni fuq l-oġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
 - 11. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati. Ladarba tiġi adottata, id-Direttiva ser ttipprovdi l-ewwel qafas iddedikat għall-ħamrija u ser tikkontribwixxi għall-kisba ta' ħamrija f'saħħitha fl-UE.
-